

**Dispożittiv**

- 1) *Id-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tad-19 ta' Frar 2013, li l-kuntratt bħala membru tal-persunal temporanju ta' K. Wahlström ma jiġgedditx, hija annullata.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbat i-ispejjeż ta' K. Wahlström.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 01.02.2014, p. 23.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-10 ta' Settembru 2014 – KE (\*) vs ERA**

(Kawża F-120/13) <sup>(1)</sup>

*(Servizz publiku — Membru tal-persunal temporanju — Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt għal żmien determinat — Persunal ta' aġenzija — Tnaqqis tal-ħaddiema — Kuntest finanzjarju multiannwali tal-ERA — Tneħħija ta' żewġ pożizzjonijiet tat-tabella tal-ħaddiema — Osservanza tal-formalitajiet essenzjali — Dritt ta' smiġh — Direttivi interni — Interess tas-servizz)*

(2014/C 395/80)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: KE (\*) (rappreżentant: S. A. Pappas, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (rappreżentanti: G. Stärkle, aġent, B. Wägenbauer, avukat)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju tar-rikorrenti.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *L-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata għan-nofs i-ispejjeż sostnuti minn KE (\*).*
- 3) *KE (\*) għandha tbat nofs i-ispejjeż tagħha.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 45, 15.02.2014, p. 47.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-18 ta' Settembru 2014 – Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-149/12) <sup>(1)</sup>

*(Servizz publiku — Invalidità — Allowance tal-invalidità — Tnaqqis fuq l-allowance tal-invalidità)*

(2014/C 395/81)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

<sup>(\*)</sup> Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Gattinara, aġenti)

### **Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tal-irkupru kull xahar tas-somma ta' EUR 500 mnaqqa mill-allowance tal-invalidità tar-rikorrent minn April sa Ġunju 2012.

### **Dispożittiv tad-digriet**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud, parzjalment, bħala manifestament inammissibbli u, parzjalment, bħala manifestament infondat.*
- 2) *L. Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 108, 13.04.2013, p. 38.

### **Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-4 ta' Settembru 2014 – Prigent vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-111/13) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali — Avviżi ta' kompetizzjonijiet ġenerali EPSO/AD/230/12 (AD5) u EPSO/AD/231/12 (AD7) — Kundizzjoni ta' eliġibbiltà dwar l-esperjenza professjonali tal-kompetizzjoni EPSO/AD/231/12 (AD7) mhux issodisfatta — Assenjazzjoni mill-ġdid għall-kompetizzjoni EPSO/AD/230/12 (AD5) — Inklużjoni fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni EPSO/AD/230/12 (AD5) — Interess ġuridiku — Tardività tal-ilment — Talbiet għal eżami mill-ġdid suċċessivi)*

(2014/C 395/82)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

*Rikorrent:* Oliver Prigent (Fentange, il-Lussemburgu) (rappreżentant: F. Moyses, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Gattinara, avukati)

### **Suġġett**

Talba għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni tal-EPPO li ma tammettix lir-rikorrent għall-fażi ta' selezzjoni tal-kompetizzjoni EPSO/AD/231/12 (AD7) u li tikklassifikah mill-ġdid fil-kompetizzjoni EPSO/AD/230/12 (AD5) u, min-naħa l-oħra, tad-deċiżjoni li huwa jiġi inkluż fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni AD5 iċċitata iktar 'il fuq u għoti ta' kumpens għad-danni materjali u morali allegatament imġarrba.

### **Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment infondat.*
- 2) *O. Prigent għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 31, 01.02.2014, p. 22.